


# (I) Meta twieled eżatt Mro. Willie Attard?

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Din hija sensiela ta' kitbiet fuq ħajjet u ħidmet is-Surmast Willie Attard bħala mużiċist, għalliem, kompożitur, u surmast-direttur ta' diversi baned Maltin u Għawdxin fosthom, is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun, li dam imexxieha għal madwar tletin sena sħaħ! Għaldaqstant, dis-sena qed nagħti bidu għal din is-sensiela ta' kitbiet proprju f'għeluq il-45 anniversarju mill-mewt tiegħu li ġrat nhar it-3 ta' Marzu 1970. Kulmin f'Marzu li għadda nzerta attenda għas-serata mużikali li saret ġewwa s-seda tas-Soċjetà seta' jisma' u japprezza wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' dan il-kompożitur fosthom, l-*Innu Tifħir lil San Ġużepp*. Kitbieti ser ikunu varji fil-kontenut tagħhom u li jinkludu tagħrif biografiku, storiku, analitiku, jew xort' oħra li, fil-fehma tiegħi huma ta' interess partikolari għal dawk il-qarrejja kollha li jridu jkunu jafu aktar affarijiet ġodda dwaru. Naturalment, proġett bħal mhu dan jieħu ż-żmien tiegħu biex tkun tista' tinġabar l-informazzjoni kollha possibli fosthom, intervisti, ġbir jew self ta' ritratti u dokumenti oħra, riċerka minn fuq kotba u ġurnali lokali ta' żmienu. Parti interessanti oħra f'dal-proġett ser tkun tinkludi l-analiżi mużiko-storika ta' xogħlijietu. Dan ser ikun qed nagħmlu bl-iktar mod ħafif safejn hu possibli bla ma nidħol f'dettalji żejda, speċjalment fejn jidħol kliem tekniku. Iżda fl-istess waqt, nixtieq ukoll li, dawn il-kitbiet tiegħi jservu għalbiex jedukaw lil dak li jkun bil-għan li jibda japprezza x-xogħlijiet sbieħ ta' Mro. Willie Attard u fuq kollox, l-arti sabiħa tal-mużika.

Kliem muftieħ: Mro. Willie Attard, Ħamrun, Baned Maltin, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun.



Dwar is-surmast Willie Attard inkiteb mhux ħażin, saħansitra minn awturi prominenti bħalma hu l-biografiku Robert Mifsud Bonnici u oħrajn li kitbiethom dehru f'kotba, ġurnali lokali jew programmi tal-festa, speċjalment ta' dawk il-baned Maltin u Għawdxin li tagħhom kien surmast-direttur. Iżda, kif ser naraw, dan l-artiklu ser ikun qed jittratta l-kwistjoni tad-data eżatta ta' meta twieled dan is-surmast Ħamruniż.

Dan l-aħħar inzerta ġie f'idi ċertifikat pjuttost qadim maħruġ mill-uffiċċju parrokkjali ta' San Gejtanu u li jġib id-data (u anki t-timbru) tas-6 ta' Novembru 1962. Fuqu rajt li, id-data tat-twelid mhix qed taqbel ma' dik li soltu nara f'xi kitba biografika dwar is-Surmast Willie Attard. Sopriż kif kont b'din l-iskoperta ġdida imma eċċitanti tiegħi, xorta waħda ridt naċċerta ruħi li t-tagħrif mogħti f'dan iċ-ċertifikat hu għal kollox korrett qabel ma nlissen l-iċken kelma fuq xiħaġa daqstant importanti. B'dan il-ħsieb dejjem ibergħen f'moħħi rajt kif għamilt u dan l-aħħar ġibt ċertifikat ieħor (datat id-19 ta' Novembru 2014) biex inkun nista' nikkonferma li t-tagħrif imniżżel jaqbel sew fiż-żewġ ċertifikati. Mhux biss, iżda mort inġib it-tielet ċertifikat, din id-darba mir-reġistru pubbliku, magħrufa aħjar bħala l-Insinwa, biex niżgura ruħi li d-dati jaqblu kollha. Għaldaqstant, wieħed issa jista' jikkonferma li, is-Surmast Willie Attard, iben Benedetto Attard u Maria, imwielda


EXTRACT FROM THE BAPTISMAL RECORDS HELD IN
THE PARISH CHURCH OF HAMRUN, MALTA

Date 6th November 1962

Name William, Saviour, Joachim, Cajetan
Surname Attard
Father's Name Benedict Attard
Mother's Maiden Surname Mary Vella
Lawfully Married
Place of Birth Hamrun
Date of Birth 11th May, 1899
Date of Baptism 14th May, 1899
Godparents Vincent Psaila & Petronilla Attard
Date of Marriage

Parish Priest

Vella, twieled il-Ħamrun nhar il-**11 ta' Mejju tal-1899**. Hu ġie mgħammed fil-parroċċa tal-Ħamrun fl-14 ta' Mejju, u bħala parrini kellu lil Vincent Psaila u Preziosa Attard. L-uniku differenza żgħira li hemm bejn iż-żewġ reġistri hija dik dwar l-ewwel isem li ngħatalu, għax filwaqt li dak tal-parroċċa jagħtih bħala *William*, f'tal-Insinwa huwa mniżżel bħala *Guglielmo*. F'paġna 372 tat-tieni volum tar-reġistru tal-parroċċa nsibu wkoll li, is-Surmast Willie Attard ngħatawlu tliet ismijiet oħra tal-magħmudija li huma *Saviour, Joachim,* u *Gajetan*.

Din tad-data tat-twelid hija faċenda delikata ħafna peress li tkun trid torbot fuqha meta tiġi biex tibni lista dettaljata ta' avvenimenti li jkunu seħħew fil-ħajja ta' persuna. Fil-każ tas-Surmast Willie Attard jidher li, l-ewwel data skorretta li naf s'issa biha jien kienet ħarġet mill-pinna ta' Robert Mifsud Bonnici meta fil-ktieb tiegħu *Ġrajja ta' Baned* (1957), paġni 68-9 jgħid hekk: 'Mro. Willie Attard twieled il-Ħamrun fl-14 ta' Mejju 1901.' M'għandniex xi ngħidu li, din l-istess informazzjoni żbaljata ngħatat ukoll fid-*Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* tal-istess awtur li kien ġie mitbugħ mid-DOI (1960). Wieħed malajr jinnota li, id-data tal-14 hi dik ta' meta ġie mgħammed, filwaqt li, is-sena li fiha twieled hi għal kollox żbaljata. Ġew ukoll xi ġurnali antiki f'idejja li fihom jirrepetu l-istess żbalji fid-dati, bħal ngħidu aħna fl-artiklu biografiku minn G.A.G. li kien deher f'paġna 14 tat-Torċa tad-9 ta' Mejju 1965, meta l-istess surmast kien għadu mimli bil-għomor! L-istess ġara f'artiklu ieħor intitolat *Tifkira tas-Surmast Willie Attard* li kien deher fil-ħarġa tal-Orizzont tas-Sibt 8 ta' Awwissu 1970, fejn l-artikolista Paul L. Galea jgħid li, is-surmast twieled nhar l-14 ta' Mejju, did-darba fl-1900! (Hawn nixtieq inżid ngħid li, mhux b'koinċidenza li l-artiklu kien deher dakinhar peress li kien jaħbat lejlet il-festa titulari ta' San Ġejtanu li tiġi ċċelebrata fil-Ħamrun, u ħames xhur biss wara li kien ħalliena s-surmast.) L-istess żball jagħtuhulna l-gazzetti *Malta News* (*70-year-old band conductor dies*) u l-*Orizzont* (*Imut is-surmast tal-mużika Willie Attard*) rispettivament tal-Erbgħa 4 ta' Marzu 1970, jiġifieri l-għada li miet Mro. Willie Attard. M'għandniex xi ngħidu li, dan l-iżball ipperpetwa ruħu f'artikli oħrajn aktar reċenti li nkitbu fuq dan is-surmast.


Regd. No. № 16011 C MALTA.
MINISTRY OF LABOUR.
WORKMEN'S REGISTRATION CARD.
Surname ATTARD
Christian Name William
Address Hamrun
Father's Name Benedetto
Date of Birth 1900
Place of birth of Pat. G.F. Malta
Mat. G.F. Malta
TRADE Band Master
Assessment of trade ability 1 — 2 — 3 G1.
Initials under 1 mean more than 6 years experience; under 2 less than 6 and more than 3 years; under 3 less than 3 years experience.
EDUCATION.
What knowledge have you of other languages besides Maltese?
Reply: English & Italian
Which do you prefer to speak?
Reply: Both
Particulars about previous employment.
If bearer is an ex-service man enter hereunder particulars as shown on documents to be seen by issuing officer.
Unit or units in which bearer has served. K. U. M. R.
Length of service. 4 Years
Signature of issuing Officer G Aquilina

L-istess żball fid-data tat-twelid jirrepeti ruħu wkoll did-darba fil-***Workmen's Registration Card*** li tidher hawn fil-ġenb. Din l-ispeċi ta' karta tal-identità kienet inħarġet mill-*Ministry of Labour* ta' Malta (Reg. No. 16011) f'isem William Attard u t-timbru ta' fuqha (li hemm fin-naħa ta' isfel tar-ritratt[1]), għalkemm mhux daqstant ċar, iġib id-data tas-17 ta' Awwissu 1929[2]. Is-Surmast Willie Attard kien applika biex jidħol jaħdem bħala skrivan mar-**R**oyal **A**rmy **O**rdnance **C**orps, liema xogħol baqa' jżomm sakemm spiċċa. B'xorti tajba, kien dan l-istess impjieg li żammu bgħid milli jinġabar bil-lieva waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Infatti, nafu li fl-eqqel tal-gwerra hu, flimkien ma' martu Marija u wliedu, kienu tbiegħdu mid-dar tagħhom tal-Ħamrun u marru sabu refuġju fil-każin tal-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa. Meta Willie daħal jaħdem mar-RAOC ġa kellu dawk it-30 sena u kien appuntu għalhekk li ried isib xogħol fiss kemm-il darba ried jiżżewweġ u jrabbi familja - kif jgħid tajjeb il-qawl malti, 'l-ewwel il-pappa, mbagħad l-umpappa'!

[1] Fir-ritratt Willie jidher liebes l-uniformi l-bajda, aktarx dik l-istess waħda li kienet tintlibes fis-sajf mill-bandisti tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun fl-ewwel żewġ jew tliet deċennji tas-seklu l-ieħor.

[2] Id-dokument kien inħareġ ftit jiem biss wara l-festa titulari ta' San Gejtanu. Minn dan id-dokument ikompli joħroġ il-fatt ukoll li, sa dik id-data, Mro. Willie Attard ġa kellu s-sengħa ta' surmast (*Band Master*) b'inqas minn tliet snin esperjenza peress li l-uffiċjal inkarigat niżżel l-inizjali tiegħu fit-tielet kolonna taħt in-numru tlieta (3). Mill-istorja tal-Banda aħna nafu li, Mro. Willie Attard kien fundatur u l-ewwel surmast-direttur tal-*Orkestra Unione* mwaqqfa fi ħdan is-Soċjetà fl-1926. Huwa laħaq uffiċjalment ukoll surmast tal-Banda San Ġużepp nhar id-9 ta' Ottubru 1928 (Ara artiklu tiegħi *Sensiela Mro. Willie Attard* (1889-1970) pġ. 23-7 fil-ktejjeb tal-Festa San Ġużepp 2015 maħruġ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun.)

U biex inkomplu fuq il-***Workmen's Registration Card***, l-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' dan id-dokument kien ċertu G. Aquilina (ara firma fuq isfel nett). Fiha nsibu mniżżel ukoll li, Mro. Willie Attard għamel erba' snin fis-servizz mal-**K**ing's **O**wn **M**alta **R**egiment of Militia[3] u li, minbarra l-Malti, kien jaf jikteb u jitkellem tajjeb ukoll b'żewġt ilsna oħra, l-Ingliż u t-Taljan. Iżda, għalkemm ismu (mhux dak tal-magħmudija[4]) u kunjomu, u isem missieru huma mniżżlin sewwa, mhux l-istess jista' jingħad għad-data tat-twelid tiegħu peress li hu kien twieled fil-11 ta' Mejju tal-1899 u mhux fl-1900. Dokument bħal mhu dan tiskanta kif ma kenitx ittieħdet azzjoni mill-ewwel biex dan l-iżball fid-data tat-twelid seta' jitranġa - kulma jinħtieġ kien biss li jinkiseb sempliċi ċertifikat tat-twelid mill-uffiċċju parrokkjali jew mill-Insinwa! (Fir-ritratt ta' hawn fuq jidher is-Surmast Willie Attard flimkien ma' sħabu ta' fuq ix-xogħol ilkoll lebsin pulit waqt bibita f'xi okkażjoni fil-kwartieri tar-RAOC.)



Dan l-artiklu għandu jneħħi kull dubju dwar id-data eżatta ta' meta twieled is-surmast Willie Attard. Għaldaqstant, millum 'il quddiem, kulmin jitħajjar jikteb fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jibda jniżżel dawn id-dati li ġejjin wara ismu: 11.v.1899 – 03.iii.1970.

QAWL MALTI: Trumbun* fi pjazza, il-folla ddur iddur daqs boxxla ta' vapur.

Tifsira: In-nies jieħdu gost imorru jisimgħu l-banda ddoqq fil-pjazza. Il-briju li jkun hemm quddiem il-marċ tal-festa.

* Strument tar-ram li normalment f'marċ ikun fuq waranett.

[3] Insibu li, Willie Attard, għadu ġuvnott ta' madwar 14 jew 15-il sena, kien ingaġġa ruħu bħala *boy* mal-*King's Own Malta Regiment of Milizia* u kien idoqq il-klarinett mal-banda. Kemm dam fis-servizz huwa kiseb ċertifikat tas-*Second Class of Education* u baqa' tiela' sal-*First Group*. Kemm dam hemm ukoll, huwa tgħallem idoqq tajjeb ħafna s-saksafon.
[4] Kif diġà rajna, il-parrini tiegħu kienu semmewh *Guglielmo, Saviour, Joachim,* u *Gajetan*.